- *LEASING –*
- *PACTA SUNT SERVANDA -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 t'April 2002**

**Kawza Numru: 30**
**Citazzjoni Numru: 651/00/RCP**

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**Carmelo u Mary Grace, konjugi Borg**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-26 ta' Frar 1998, il-kontendenti ffirmaw kuntratt ta' *leasing* ta' tlett (3) *airconditioners* (Dok. "A"), illi gew

ikkonsenjati mis-socjeta' attrici u installati fl-indirizz moghti mill-konvenuti;

Illi skond klawsola tnejn (2) tal-kuntratt, il-konvenuti kienu tenuti li jhallsu *leasing charge* lis-socjeta' attrici kull xahar bil-quddiem, izda sas-26 ta' Frar 2000, il-konvenuti kien gja' jinsabu debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, u wiehed liri Maltin (Lm1001), bhala arretrati ta' wiehed u ghoxrin xahar *leasing charge,* skaduti u dovuti lis-socjeta' attrici fis-26 jum ta' kull xahar bejn Gunju 1998 u Frar 2000;

Illi nonostante interpellati diversi drabi sabiex ihallsu dawn l-arretrati u jirregolaw il-posizzjoni taghhom skond il-kuntratt, il-konvenuti baqghu inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi konsegwentement, permezz ta' ittra ufficjali datata l-10 ta' Marzu 2000, is-socjeta' attrici ezercitat id-dritt taghha, *ai termini* tal-klawsola tnax (12) tal-kuntratt, illi tittermina l-istess kuntratt, u konsegwentement, permezz tal-istess ittra ufficjali, l-istess socjeta' attrici avzat lill-konvenuti illi kienet sejra tnehhi u tiehu lura l-*airconditioners* mill-proprjeta' tal-konvenuti fl-24 ta' Marzu 2000;

Illi l-konvenuti ostakolaw it-tnehhija tal-*airconditioners* in kwistjoni, liema agir irrenda lill-istess konvenuti responsabbli ghall-hlas tal-penali, kontemplata fi klawsola 12 tal-kuntratt, ta ghaxar liri Maltin (Lm10.00) ghal kull gurnata illi fiha s-socjeta' attrici tibqa' impeduta milli tiehu

lura l-*airconditioners* fil-pussess taghha, u dan b'effett mill-24 ta' Marzu 2000;

Illi b'rizultat tax-xoljiment tal-kuntratt ghar-ragunijiet fuq spjegati, il-konvenuti huma tenuti wkoll li jhallsu lis-socjeta' attrici, a tenur tal-klawsola 12 tal-kuntratt, somma ekwivalenti ghall-*leasing charge* kumplessiva, kalkolata fuq il-bqija tal-perijodu tal-istess kuntratt, wara d-data tax-xoljiment.

Illi ghaldaqstant, is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-

1. Tiddikjara illi, ghar-ragunijiet fuq spjegati, il-kuntratt ffirmat bejn il-kontendenti fis-26 ta' Frar 1998 gie xjolt mis-socjeta' attrici, jew fin-nuqqas, l-istess Onorabbli Qorti tordna x-xoljiment immedjat tal-istess kuntratt, minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-konvenuti;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf u wiehed liri Maltin (LM1,001), jew somma ohra verjuri illi tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, bhala arretrati ta' *leasing charge* li l-konvenuti kienu tenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici skond klawsola 2 tal-kuntratt imsemmi;

3. Tiddikjara illi, b'rizultat tax-xoljiment tal-kuntratt ghar-ragunijiet fuq spjegati, il-konvenuti huma tenuti wkoll illi jhallsu lis-socjeta' attrici, a tenur tal-klawsola 12 tal-

kuntratt, somma ekwivalenti ghall-*leasing charge* kumplessiva u kalkolata fuq il-bqija tal-perijodu tal-istess kuntratt, wara d-data tax-xoljiment; u

4. konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf u tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (LM1,323.00), jew somma ohra verjuri li tigi llikwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, bhala s-somma kumplessiva dovuta bhala *leasing charge* fuq il-bqija tal-perijodu tal-istess kuntratt, b'effett mid-data tax-xoljiment;

5. Tiddikjara illi s-socjeta' attrici hija intitolata illi titlob lura l-konsenja tal-*airconditioners* formanti l-oggett tal-kuntratt tat-26 ta' Frar 1998; u

6. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex, fiz-zmien qasir u perentorju illi joghgobha tipprefiggi din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, jirritornaw l-imsemmija tlett *air-conditioning units* fil-pussess tas-socjeta' attrici;

7. Tawtorizza lis-socjeta' attrici sabiex, f'kaz ta' inadempjenza mill-konvenuti, tiehu lura l-pussess tal-istess *airconditioners*, okkorrendo jekk ikun il-kaz taht is-sorveljanza ta' perit nominat minn din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, u ghas-spejjez tal-konvenuti;

8. Tiddikjara illi l-konvenuti ostakolaw l-ezercizzju tad-dritt tas-socjeta' attrici illi tnehhi l-*airconditioners* mill-pussess tal-istess konvenuti, skond klawsola 12 tal-imsemmi kuntratt u li, ghalhekk, l-istess konvenuti rrendew ruhhom

responsabbli ghall-hlas tal-penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) kuljum, b'effett mid-data tal-24 ta' Marzu 2000; u

9. tikkundanna, konsegwentement, lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici dik il-penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) kuljum, b'effett mill-24 ta' Marzu 2000, jew minn dik id-data illi joghgobha tipprefiggi din l-Qnorabbli Qorti, sad-data illi fiha l-istess konvenuti effettivement jikkonsenjaw lura l-istess *air-conditioners* lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-18 ta' Settembru 1998 u tal-10 ta' Marzu 2000, u tal-Mandati kawtelatorji ta' Qbid u ta' Sekwestru ipprezentati kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-10 ta' Marzu 2000 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 6 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tas-6 ta' Gunju 2000 fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti m'humiex il-legittimi kontradittturi tas-socjeta' attrici u kwindi ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

2. Illi l-eccipjenti, wkoll in linea preliminari, ma ghandhomx relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u kwindi l-azzjoni ma tistax tregi fil-konfront taghhom.

3. Illi subordinatament l-eccipjenti m'humiex debituri tas-socjeta' attrici u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda a fol 11 tal-process.

Rat il-verbal tal-15 ta' Gunju 2000.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-21 ta' Lulju 2000 fejn gie prezentat l-affidavit ta' Joseph Aquilina (fol 15 sa 18).

Rat il-verbal tas-7 ta' Novembru 2000 fejn xehed Christopher Rizzo u Dr Tania Sammut ghas-socjeta` attrici obbligat ruhha li tesebixxi kopja legali tal-ittra ufficjali fi zmien 30 jum. Inghata digriet tal-affidavit lill-konvenuti, u l-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet ghall-1 ta' Marzu 2001.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tad-9 ta' Novembru 2000 fejn giet prezentata kopja legali tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu 2000 (fol 30 sa 31).

Rat il-verbal tal-1 ta' Marzu 2001 fejn xehdu Lawrence Catania u Reno Debattista, u Dr Tania Sammut iddikjarat li m'ghandiex provi aktar. Il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata tal-affidavit tal-konvenuti b'40 jum u l-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenuti ghall-10 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbali tal-10 ta' Mejju 2001, tat-28 ta' Gunju 2001 fejn xehed il-konvenut Carmelo Borg u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-20 ta' Novembru 2001.

Rat il-verbali tal-20 ta' Novembru 2001 u tas-16 ta' Jannar 2002 fejn il-konvenuti u d-difensuri taghhom msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr Norval Desira tratta l-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t'April 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi s-socjeta' attrici qed tallega li bejn il-kontendenti f'din il-kawza sar kuntratt ta' *leasing* ta' *airconditioners* illi gie kkonsenjat mis-socjeta` attrici u nstallat fl-indirizz moghti mill-konvenuti. Illi skond klawsola fil-kuntratt l-istess konvenuta kellha thallas *leasing charge* kull xahar bil-quddiem, pero` hi naqset li taghmel dan u mal-prezentata tac-citazzjoni kien hemm arretrati ta' wiehed u ghoxrin (21) xahar *leasing charge*. Illi ghalkemm gew interpellati il-

konvenuti baqghu inadempjenti, u meta s-socjeta` attrici nfurmathom li kienet ser tnehhi l-*airconditioner* mill-proprjeta` tal-konvenuta fl-24 ta' Marzu 2000, il-konvenuti ostakolaw tali tnehhija. Illi b'hekk is-socjeta` attrici qed issostni li l-konvenuta hi wkoll responsabbli ghall-hlas ta' penali kontemplati fi klawsola tnax tal-kuntratt. Din hi l-penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) ghal kull gurnata illi fiha s-socjeta` attrici baqghet impeduta milli tiehu lura l-*airconditioner* fil-pussess taghha.

Illi l-konvenuti qed jeceppixxu bl-ewwel zewg eccezzjonijiet li huma ma humiex il-legittimi kontradittur u huma ghalhekk ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mal-istess socjeta' attrici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li skond ix-xhieda ta' **Joseph Aquilina** gie iffirmat ftehim mas-socjeta' First Direct General Services Limited datat 16 ta' Gunju 1997 tramite liema gew mikrija lill-istess socjeta' erba' *airconditioner units* hemm specifikati lill-istess; Fis-26 ta' Frar 1998 l-istess kuntratt fuq talba ta' Carmelo Borg ghan-nom tal-istess socjeta' gie revokat u minfloku saru zewg kuntratti, wiehed mal-istess socjeta' ghall-*airconditioner* wiehed, u l-iehor mal-konvenuti odjerni ghat-tlett (3) *airconditioners* specifikati fl-istess ftehim, li jinsab esebit a fol.6 tal-process bhala Dok. "A" u dan verso il-kera ta' Lm49 fix-xahar pagabbli kull xahar bil-quddiem.

Illi minn dan l-ammont thallset biss is-somma ta' Lm200 fit-23 ta Novembru 1998, li gie adebit kwantu ghall-Lm49 il-

wiehed ghall-ewwel tlett xhur (li fuqhom inhargu wkoll tlett kambjali) Lm28 akkont ta' kambjala ohra li kellha tithallas fis-16 ta' Gunju 1998 u Lm25 imghax. Sostniet li l-istess socjeta' kienet ghamlet xoghol fuq l-istess *airconditioners* fis-sena 1999 ghall-ammont ta' Lm105.23. pero' nonostante diversi interpallazzjonijiet tal-hlas u diversi weghdi mill-konvenuti li ser ihallsu huma baqghu inadempjenti.

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Marzu 2000 s-socjeta' attrici kienet itterminat il-kuntratt ta' *leasing* mal-konvenuti, kuntratt numru 97057B, u informat lill-konvenuti li kienet ser taqla' l-istess *airconditioners* fl-24 ta' Marzu 2000, izda meta l-haddiema taghha marru hemm l-konvenut irrifjuta lill-istess milli jaqilghu l-istess apparat.

Illi ghalhekk ghamlu din il-kawza fejn qed jitolbu is-segwenti hlasijiet:-

(1) Lm1,001 *leasing charge* mis-16 ta' Gunju 1998 sas-16 ta' Frar 2000 (- Lm28 ghax-xahar ta' Gunju 1998);

(2) Lm120 rappresentanti penali ta' 12-il gurnata mill-24 ta' Marzu 2000 sal-5 ta' April 2000, data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici.

(3) Lm1,070 penali mill-5 ta' April 2000 sal-21 ta' Lulju 2000 – 107-il gurnata b'Lm10 kuljum.

(4) Lm 1,323 *leasing charge* ghall-bqija tal-perjodu skond il-klawsola 12 tal-kuntratt

Illi dan iwassal ghall-ammont totali rikjest ta' Lm3,514 kollox skond l-affidavit ta' l-istess Joseph Aquilina u jinsab kkoroborat mix-xhieda ta' Christopher Rizzo tas-7 ta' Novembru 2000 a fol. 23 tal-process, u wkoll dik ta' Lawrence Catania u Reno Debattista li gew inkarigati mis-socjeta' attrici sabiex jmorru jaqilghu l-istess *air conditioners* wara l-ispedizzjoni tal-imsemmija ittra ufficjali, izda l-konvenuti lanqas biss fethulhom.

Illi **l-konvenut** fix-xhieda tieghu tat-28 ta' Gunju 2001 qal li kien ghamel kuntratt mas-socjeta' attrici ghan-nom tas-socjeta' First Direct Cleaning Services Limited ghall-kera ta' erba' *airconditioners* fi zmien meta kellu kuntratt ghat-tindif tal-Airport, izda dan l-ahhar kuntratt gie tterminat wara 11-il xahar, flimkien ma' dak ma diversi Ministeri, u l-konsegwenzi kienu li l-istess socjeta' falliet u giet likwidata; b'dan informa lis-socjeta' attrici u xtaq jittermina l-kirja. Is-socjeta' attrici ma accettatx ghaliex sostniet li xorta kellu jibqa' jhallas il-kera minbarra li jehel Lm10 multa kuljum. Insista li l-istess apparat jista' jinqala' meta jridu is-socjeta' attrici u kkonferma l-kuntratt a fol. 6 tal-process u l-firma tieghu.

Illi minn dawn il-provi jirrizulta bla ebda dubju li l-ftehim a fol. 6 tal-process gie iffirmat mill-istess konvenuti, u dan jinsab addirittura ammess mill-istess konvenut fix-xhieda tieghu tat-28 ta' Gunju 2001. Infatti mill-istess ftehim jew

skrittura privata jidher li r-relazzjoni tal-istess socjeta' attrici kienet esklussivament mal-istess konvenuti proprju u mhux ma xi socjeta' minnhom rappresentata, tant li l-istess konvenuti huma indikati bhala *"the Hirer"* fl-istess ftehim u ghalhekk abbazi tal-premess l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-istess konvenuti ghandhom jigu michuda.

Illi l-klawsola 12 tal-istess ftehim tikkontempla l-premess:-

*"The Owner will be entitled to terminate this agreement in the case of any breach of the conditions to this agreement by the Hirer. Upon such early termination of this agreement the Owner shall be entitled to re-take possession of the Unit/s. Such early termination of this agreement will render the Hirer immediately liable to an amount equivalent to the leasing charge for the remaining leasing duration o f this agreement as contemplated in clause (1) above, in addition to a daily charge of ten Maltese Liri (Lm10.00) for each day, or part thereof, that the Owner is prevented from re-taking possession of the Unit/s".*

Illi mill-provi jirrizulta li minhabba in-nuqqas ta' pagament da parte tal-konvenuti, liema inadempjenza ma hijiex kontestata, s-socjeta' attrici kellha id-dritt tagixxi *ai termini* tal-istess klawsola u fil-fatt hekk ghamlet bl-ittra ufficjali datata 10 ta' Marzu 2000 debitament notifikata lill-konvenuti kif jidher minn vera kopja tal-istess a fol. 31 u 32 tal-process, u ghalhekk in forza tal-premess hija tterminat l-istess kuntratt b'effett mill-istess data tal-10 ta' Marzu 2000,

liema interpelazzjoni giet notifikata lill-konvenut fis-17 ta' Marzu 2000.

Illi l-istess konvenut kien avzat li l-istess socjeta' attrici kellha tigi taqla' l-istess apparat fil-24 ta' Marzu 2000, izda meta l-adetti tal-istess socjeta' marru, l-konvenut ma ftehax u ghalhekk l-istess apparat baqa' ghand il-konvenuti, ghalkemm dawn jghidu li lesti li jaghtuh lura lis-socjeta' attrici, pero' sallum baqa' xorta ghandhom.

Illi bhala ammonti ma jidhirx li dawn gew ikkontestati, u jekk l-istess konvenuti, almenu mix-xhieda tal-konvenut, jidher li qed joggezzjonaw ghall-kondizzjoni imposta fl-artikolu 12 tal-istess ftehim, din il-Qorti tirrileva li l-istess kondizzjoni hija wahda li ffirma ghaliha l-istess konvenut innifsu, iebsa kemm hija iebsa l-istess kondizzjoni, u fin-nuqqas ta' eccezzjonijiet dwar l-istess mill-istess konvenuti, tali kondizzjoni ghandha tigi osservata in vista tal-principju *"pacta sunt servanda".*

Illi fil-fatt jigi rilevat li l-istess konvenuti, apparti l-eccezzjonijiet taghhom dwar ir-relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici jew ahjar l-allegata nuqqas taghha, eccezzjoni li gja giet michuda, ma ghandhom ebda eccezzjonijiet fuq il-mertu, u ghalhekk jidher li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif ser jigi hawn indikat, anke ghaliex jirrizulta dwar il-penali li l-konvenut kien avzat meta kellhom jigu jnehhu l-istess apparat, izda baqa' inadempjenti u ma halliex lill-haddiema tal-istess socjeta' jidhlu jnehhu l-istess apparat, tant li ma ftehax il-bieb fejn l-

istess *air conditioners* kien jinsabu, u dan kif xehdu l-istess haddiema Reno Debattista u Lawrence Catania fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2001.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens u b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi, ghar-ragunijiet fuq spjegati, il-kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti fis-26 ta' Frar 1998 gie xjolt mis-socjeta' attrici permezz tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu 2000 u b'effett mill-istess data *ai termini* tal-paragrafu 12 tal-istess skrittura privata datata 26 ta' Frar 1998, u dan minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-konvenuti;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf u wiehed liri Maltin (LM1,001) bhala arretrati ta' *leasing charge* li l-konvenuti kienu tenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici skond klawsola 2 tal-kuntratt imsemmi ghall-perjodu bejn is-16 ta' Gunju 1998 u 16 ta' Frar 2000 – 21 xahar @ Lm49 fix-xahar ( - Lm28 mhallsa akkont ghax-xahar ta' Gunju 1998).

3. Tiddikjara illi, b'rizultat tax-xoljiment tal-kuntratt ghar-ragunijiet fuq spjegati, il-konvenuti huma tenuti wkoll illi jhallsu lis-socjeta' attrici, a tenur tal-klawsola 12 tal-

kuntratt, somma ekwivalenti ghall-*leasing charge* kumplessiva u kalkolata fuq il-bqija tal-perijodu tal-istess kuntratt, wara d-data tax-xoljiment; u

4. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf u tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (LM1,323.00), bhala s-somma kumplessiva dovuta bhala *leasing charge* fuq il-bqija tal-perijodu tal-istess kuntratt, b'effett mid-data tax-xoljiment, kif hemm stipulat espressament fl-istess klawsola 12 tal-istess ftehim tas-26 ta' Frar 1998;

5. Tiddikjara illi s-socjeta' attrici hija intitolata illi titlob lura l-konsenja tal-*airconditioners* formanti l-oggett tal-kuntratt tat-26 ta' Frar 1998; u

6. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex, fiz-zmien qasir u perentorju ta' hmistax (15) il-gurnata mid-data ta' din is-sentenza, jirritornaw l-imsemmija tlett *air-conditioning units* fil-pussess tas-socjeta' attrici;

7. Tawtorizza lis-socjeta' attrici sabiex, f'kaz ta' inadempjenza mill-konvenuti, tiehu lura l-pussess tal-istess *airconditioners*, okkorrendo jekk ikun il-kaz taht is-sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri nominat minn din il-Qorti ghal dan l-iskop, u ghas-spejjez tal-konvenuti;

8. Tiddikjara illi l-konvenuti ostakolaw l-ezercizzju tad-dritt tas-socjeta' attrici illi tnehhi l-*airconditioners* mill-pussess tal-istess konvenuti, skond klawsola 12 tal-imsemmi

kuntratt u li, ghalhekk, l-istess konvenuti rrendew ruhhom responsabbli ghall-hlas tal-penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) kuljum, b'effett mid-data tal-24 ta' Marzu 2000; u

9. Tikkundanna, konsegwentement, lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici dik il-penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) kuljum, b'effett mill-24 ta' Marzu 2000 sad-data illi fiha l-istess konvenuti effettivament jikkonsenjaw lura l-istess *air-conditioners* lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-18 ta' Settembru 1998 u tal-10 ta' Marzu 2000, u tal-Mandati kawtelatorji ta' Qbid u ta' Sekwestru ipprezentati kontestwalment mac-citazzjoni attrici, u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-10 ta' Marzu 2000 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 t'April 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 t'April 2002**